# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 9 ta' Dicembru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 229/2023 CL

**Ian Gusman ( KI nru: 136994M)**

**VERSUS**

**Malta Financial Services Authority**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-7 ta' Lulju, 2023 fejn l-attur talab sabiex l-Awtorita' konvenuta tonora dak miftiehem mar-rikorrenti fir-rigward tal-*performance bonus* dovu*t*, u jordna lil Awtorita' thallas il-*performance bonus* hekk likwidat bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Illi dan wara li r-rikorrenti li kien impjegat mal-Awtorita' sa mis-sena elfejn u tmintax, kien gie appuntat bhala Senior Analyst fis- 26 ta' Frar 2021 taht il-grad sitta. Illi fost il-kondizzjonijiet fil-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti hemm stipulat li l-hlas tas-salarju fix-xahar jkun rivedut tkull sena, kif ukoll bonus diskrezzjonaali a bazi tal-prestazzjoni tieghu li jista' jlahhaq sa 15% tas-salarju baziku. Illi minkejja li r-rikorrenti kien gie formalment innotifikat illi l-percentagg tieghu ghas-sena 2021 kien dak ta' 8%, baqa' qatt ma ircieva il-*performance bonus* lilu dovut. Minhabba fin-nuqas tal-hlas tal-*performance bonus* il-kuntratt gie vjolat u ghalhekk ir-rikorrenti kellu jressaq din il-kawza.

Ra r-risposta datat 17 ta' Awwissu 2023, fejn l-Awtorita' ikkontestat it-talba u talbet sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda bl-ispejjez. Illi l-Performance Bonus mitlub mill-attur mhuwiex dovut lilu ghaliex meta rrizenja mill-impjieg tieghu b'effett mill-31 ta' Dicembru 2021, hu kiser il-kondizzjoni tal-hlas ta' tali bonus kif dokumentat fil-Performance Management Framework ta' l-Awtorita' li jghid illi, biex jithallas il-*performance bonus* l-impjegat kellu jkun fl-impjieg fil-gurnata tad-distribuzzjoni ta' tali *performance bonus* li kien fil-25 ta' Jannar 2022. Illi din il-kondizzjoni hija wahda valida u effettiva ghal finijiet legali u kuntrattwali, kif deciz ricentament mill-Qrati Maltin.

Ra l-affidavit tal-attur Ian Gusman li iddikjara illi kien beda l-impjieg tieghu mal-MFSA f'Lulju tal-2018 fejn ta' kontribut fuq progetti ewlenin fejn analizza r-rispons ta' stakeholders u kien ippartecipa b'mod attiv f'progetti u networks internazzjonali. Kien

ta' r-rizenja tieghu fit-3 ta' Dicembru 2021 fejn gie ikkonfermat mill-HR li l-ahhar gurnata tax-xoghol wara n-notice period kien tal-31 ta' Dicembru 2021 (Dok IGE1 u IGE2). Ghalhekk dan kien jfisser li s-sena hidma giet kompluta u b'hekk kien intitolat ghal *performance bonus* li hu msemmi fil-kuntratt tal-impjieg u li kien gie infurmat illi kien ta' 8% wara li kellu laqghat mal-line managers tieghu. Kull ma kien jonqos kien li d-dipartiment finanzjarju jipprocessa l-pagament. Semgha lil Gusman jixhed li qabel ma kien bghat ir-rizenja tieghu bl-email fit-3 ta' Dicembru 2021, kien informa lil Luciano u Herman bhala seniors tieghu li kien ser jirizenja. Kien gja sar il-*personal form assesment* tieghu li hija parti mill-*performance assessment* u li tintbghat lil senior tieghu. Dik il-gimgha kien qieghed jahdem *remotely*, kif dahal lura ghax-xoghol fil-gimgha li kienet tispicca 17 ta' Dicembru 2021, Luciano kien qallu biex jipprapara lista ta' x'kien hemm pendenti biex jkun jista' jsir *handover* u jitkelmu fil-laqgha fejn jghidlu x'kien il-*performance assessment* tieghu u fil-fatt kien sar laqgha ma' Luciano u Herman fejn ikkomunikaw l-assessment tieghu u qalulu li kien haddiem tajjeb, irrikonoxxu li kien spicca jmexxi wahdu fejn qabel kienu erbgha u kienet hasra li ser jitilfuh u indikawlu fejn seta' jaghmel ahjar. Kienu qalulu li din id-darba il-*performance bonus* kienet ser tkun ta' 8% peress illi kien sar senior analyst u allura riedu jqabluh mas-senior analysts l-ohra. Qabel kien jkollu *performance bonus* ta' 10% izda dan kien ghax kien wiehed mit-top performers u ghalhekk wara dan il-laqgha hu kien qieghed jippretendi li jsir il-hlas. Fil-kontro ezami ikkonferma li l-meeting li sehhet wara li kien gja ta' n-notice, fil-gimgha li kienet tispicca fis-17 ta' Dicembru 2021, kien wiehed informali ghalkemm tkelmu fuq il-progetti li saru f'dik is-sena u fejn mar tajjeb u fejn seta' jahdem ahjar u fil-fatt kien gie ikkomunikat mieghu il-precentagg u fil-fatt kienu qalulu biex jattendi l-event tal-impjegati ghax kellu relazzjoni tajba maghhom. Ma kienx exit interview, ghax dan kien sar wara mal-HR.Hu kien hadem is-sena kollha tal-2021 sal-31 ta' Dicembru 2021 u l-percentagg kien ibbazzat fuq il-performance tieghu fis-sena 2021 u hu seta' jikkalkula x'kien ser jkun il-bonus li kien ser jithallas.Fil-kontro ezami ikkonferma li kien jaf illi kien hemm policy tal-MFSA dwar kif jigu regolati dawn il-*performance bonuses* u li kienet tghid illi l-impjegat kellu jkun fl-impjieg meta ssir il-pagament. Il-pagament mhux dejjem sar fl-istess zmien ghax gieli saret fi Frar u anke f'Marzu.

Fil-5 ta' Frar 2024 xehdu Luciano Brincat u Herman Ciappara. Luciano Brincat qal illi bejn l-2018 u l-2021 kien senior manager tat-team Fintech Supervison mal-MFSA u bhala Senior Manager kellu obbligu li jaghmel *performance appraisal* lill-impjegati li jirraportaw lilu direttament. Ikkonferma illi fl-2021 kellu laqgha ma' Gusman dwar il-*performance bonus* izda ma jiftakarx li l-percentwal moghti tal-*performance bonus* ghas-sena 2021 gie ikkomunikat lil attur. Fil-kontro ezami ikkonferma li hemm *performance appraisal prodecure* li l-impjegati ghandhom access ghaliha fuq l-internet. L-ewwel jkun hemm appraisal intern fejn ma jkunux involuti l-impjegati u wara jaghtu l-feedback tieghu fuq dokumentazzjoni tal-policy, ma jiftakarx meta jigi ikkomunikat l-percentagg lill-impjegat ghax ma kellux access ghad-dokumentazzjoni ghax ma kienx ghadu impjegat mal-MFSA. Izda ikkonferma illi f' Jannar isir il-hlas tas-sena li tkun ghaddiet.

Herman Ciappara xehed illi kien ilu Head Fintech Suervision minn Settembru 2019 u parti mir-rwol tieghu kien li jara li l-*performance bonus* japplika ghad-dipendenti tieghu. Hu jiftakar li l-*Performance Management Process* tibda f'Ottubru u wara l-assesment li sar ta' Gusman fl-2021 kienu tawh 7% bhala performance bonus. Ma sarx *performance meeting* ma' Gusman kif normalment jsir ghax kien irrizenja, izda kienet

saret feedback meeting, fejn kien prezenti Brincat u Gusman fejn gie ikkomunikat feedback dwar *strengths u weaknesses* tieghu qabel ma jitlaq, izda ma jiftakarx li ssemmiet xi percentwali u ma jafx kif seta' sar jaf il-percentagg Gusman. Ikkonferma li hemm policy li tigi ikkomunikata kull sena lill haddiema u jkun hemm presentations u qieghda accessibbli ghal kulhadd.

Xehdet Antoaneta Iossifova**,** li hijia Head tal Human Resources qalet illi l-*performance bonus* giet introdotta fl-MFSA qabel ma bdiet tahdem hemm, probabilment fl-2018. Il-process tal-*performance bon*us jibda f'Ottubru u tispicca fil-25 ta' Jannar. L-impjegati bidew billi jaghmlu self assessment u hi taghmel training tal-impjegati u tfakkarhom dwar il-procedura. F'Novembru ghandhom dik li tissejjah calibration fejn il-line managers jikkomunikaw mal-HR il-percentaggi proposti u huma jaraw dawn il-percentaggi u sa Dicembru il-percentaggi jigu decizi u jinfurmaw il-managers biex jikkomunikaw mal-impjegati biex jghaddulhom il-feedback. L-ikbar process pero issir f'Jannar. HR u finanzi jevalwaw il-percentaggi u dawk l-impjegati li ghadhom fl-impjieg fil-25 ta' Jannar u ma jkunux bil-probation jkunu ntitolati ghal *performance bonus*. Hi tohrog l-ittra bil-percentagg lill-impjegat fit-22 ta' Jannar u l-finanzi tohrog il-pagament. Din hija l-kommunika ufficjali ghalkemm l-impjegat jkun infurmat fil-feedback session li ssir f'Dicembru jew Jannar. Din il-procedura tissejjah *People and Culture Performance Management Framework* li tghid biex tkun elgibbli ghal *performance bonus* u zieda fil-paga trid tkun ghadek fl-impjieg meta tohrog il-pagament. Il-pagament ghas-sena 2021 saret ful-25 ta' Jannar, kif ssir kull sena u Gusman ma kienx ghadu impjegat ghax kien irrizenja fit-3 ta' Dicembru 2021. B'referenza ghal Dok MFSA2 huwa *letter of appointment* fejn Gusman gie impjegat bhala analyst, u MFSA3 huwa l-ittra fejn l-attur ha promotion bhala senior analayst fl-2021. B'referenza ghal *Performance Management Framework* li kien gie ipprezentat dan huwa accessibbli ghal kulhadd, apparti li qabel persuna ma tinghata l-impjieg, tinghata kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-policys u handbooks u wara li l-persuna tigi impjegata ssir induction course ta' gurnata fejn jigi spejegat fejn jistghu jaccessaw d-dokument fuq is-sistema elettronika. Darbtejn fis-sena HR, qabel il-mid year review u end of year review, l-HR tohrog kommunika bl-e mail fejn dawn il-proceduri jkunu annessi. Apparti li dejjem jistghu jikkomunikaw mal-HR biex jikjarifikaw xi punt. Dok MFSA4 huwa l-email li HR tohrog f'Ottubru ta' kull sena fejn tibda l-process tal-performance management bonus u taghti l-link ghal procedura u l-eligibility criteria u tistiden lil impjegati jattendu ghal training kif jidher f'Dok MFSA5, fejn il-process rega' gie spjegat. Dan l-e mail intbghat fl-20 ta' Ottubru 2021. Dok MFSA6 huwa l-*power point presentation* li intuza' waqt it-training. Fid-dokument datat 2 ta' Novembru jidher l-attendenza ghat-training fejn Ian Gusman attenda fid-9.00am u telaq wara siegha. Hi saret taf illi Gusman kien ser jirrizenja meta irceviet l-email datat 3 ta' Dicembru 2021 Dok MFSA7. L-e mail datat 14 ta' Dicembru 2021, immarkat Dok MFSA8 jaghmel referenza ghal konverzazzjoni bejnha u bejn Gusman li kien sar ftit wara ma kien bghat l-email tar-rizenja fejn Gusman kien talabha appuntament. L-appuntament sar fid-9 ta' Dicembru 2021, Dok MFSA9, fejn kien talab kjarifika dwar il-*performance bonus* fejn hi spjegatlu li kif kien spjegat waqt it-training, il-*performance bonus* tinghata biss jekk l-impjegat jkun ghadu fl-impjieg meta tohrog il-pagament fil-25 ta' Jannar u spjegajtlu li minhabba li l-ahhar gurnata wara n-notice kien ser jkun fl-ahhar ta' Dicembru 2021 ma kienx eligibbli ghal performance bonus. Fil-fatt l-email intbghat ftit jiem wara fejn rega' talab il-*performance bonus* izda din id-darba inkluda lil CEO fl-email. Wara li hi iddiskutit mal CEO regghet bghatet l-e mail fl-14 ta' Dicembru 2021, fejn ikkonfermat li l-procedura hija cara li l-impjegat jrid jkun impjegat 'f'Jannar meta tohrog il-pagament.

Fil-kontro ezami b'refernza ghad-dokument a foll. 55 tikkonferma illi dan kien l-ewwel appointment letter ta' Ian Gusman u ma kienx hemm referenza ghal performance bonus ghax ma kinitx ghadha bdiet tinghata u b'hekk ma kienx hemm restrizzjonijiet dwarha. Fl-ittra datat 26 ta' Frar 2021, li hija t-tieni appointment letter hemm ftit restrizzjonijiet izda m'hemmx il-procedura kollha u fil-fatt m'hemmx indikat id-data tal-25 ta' Jannar. Fil-*power point presentation* hemm ukoll indikat li dead lines ta' bejn Novembru u Jannar jridu jkunu rispettati u li l-process tispicca f'Jannar. Hi cahdet li Gusman kien ikkonkluda s-sena kollha skond il-*performance cycle*. Fir-re ezami ikkonfermat illi l-*discretionary performance bonus* hija skond il-framework, u wara li l-MFSA tara l-performance tal-impjegat huwa fid-diskrezzjoni tieghu li jhallas bonus. Fil-fatt it-tieni paragrafu tal-faccata ta' wara ta' foll 55 jghid illi all the other terms and conditons of your employment will be subject to the provisions and staff policies included in the P&C's Guidebook. Fis-sitt snin li kienet ilha mal-MFSA l-impjegati kollha li kienu inttitolati ghal *performance bonus* thalsu u d-diskrezzjoni kienet fil-percentagg li jithallas, mhux f'jekk l-impjegati jithalsu jew le.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra;**

Illi din il-kawza hija dwar il-pretenzjoni li l-attur kellu li jithallas il-*performance bonus*. L-Awtorita' konvenuta min-naha taghha sostniet li l-attur ma kienx intitolat ghal-*performance bonus* ghax kien telaq mill-impjieg fil-gurnata meta ssir il-hlas tal-bonus li kienet wahda mill-eligibility criteria. It-tribunal semgha x-xhieda u ra d-dokumenti. Ra illi l-attur bghat l-email tar-rizenja fit-3 ta' Dicembru 2021 u fid-9 ta' Dicembru 2021 kellu laqgha ma' Antoaneta Iossifova,li kienet Head tal-HR, li gie segwit b'e mail datat 14 ta' Dicembru 2021, fejn kien inkluz fl-email il CEO tal-MFSA fejn l-attur talab li sabiex l-performance bonus tithallas f'Dicembru. Ra t-twegiba mill HR fl-istess gurnata fejn infurmat lill-attur li ma kienx intitolat ghal *performance bonus* ghax il-process tal-*performance management* tintemm f'Jannar u rreferitu ghal procedura li tistipula li l-impjegat jrid jkun fl-impjieg meta ssir il-pagament tal-bonus. B'referenza ghal lagha li saret mal-line manager fil-gimgha li kienet tispicca fis-17 ta' Dicembru 2021, m'hemmx dubju li din il-laqgha saret wara l-e mail tal-14 ta' Dicembru 2021, ghax it-13 ta' Dicembru 2021 hija festa pubblika, u ghalhekk l-attur kien gja jaf li l-MFSA kienet qieghda ssostni li ma kinitx ser thallas il-performance bonus. B'hekk anke jekk stess il-line managers ikkomunikaw il-percentagg li huma setghu kienu ser jirrakomandaw ghal-attur, il-process shieh ma kienx ghadu intemm. Skond l-eligibility criteria li tidher fil-*Performance Management Framework* a foll 36, *employees need to be in employment at the time when the payment is issued.* Dan jkun f'Jannar ta' kull sena kif jidher a foll. 34 *People & Culture informs employees of their respetive rating by the end of January each year*. Il-kondizzjonijiet marbuta mal-*performance bonus* kienu disponibbli ghal-impjegati kollha apparti li kienu jergghu jigu ikkomunikati lill-impjegati bl-e mail kif ukoll fit-training u seta' talab ghal laqgha mal-HR qabel ma bghat l-ittra tar-rizenja u mhux ftit jiem wara kif fil-fatt ghamel.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta u jichad t-talba tal-attur. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huwa a karigu tal-attur.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**